**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 32/09**

**Maria Dolores sive Doris Debono u b'Digriet tal-21 ta' Jannar 2011 l-atti gew trasfuzi f'isem David Debono, Francis sive Frank Debono u Charles Debono stante l-mewt ta' Maria Dolores sive Doris Debono fl-20 ta' April 2009**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 24 ta' Jannar 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Maria Dolores sive Doris Debono quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fis-16 ta' Ottubru 2002, in segwitu trasferit quddiem it-Tribunal, permezz ta' liema titlob li l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV021703 in forza ta' liema l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jesigi hlas tas-somma ta' Lm840, illum ekwivalenti ghal €1,956.67, bhala taxxa addizzjonali in konnessjoni mat-trasferiment ta' porzjon ta' art fit-territorju "Gebel Ghajn Xhul", Marsascala, in forza ta' kuntratt datat 24 ta' Jannar 1997, tigi revokata fl-intier taghha stante li: (i) dak li kien dovut thallas, u dana addirittura iktar milli suppost, in kwantu l-art in kwistjoni inbieghet ghall-prezz ta' Lm32,000 filwaqt illi l-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghamel stima ta' l-istess art fil-valur ta' Lm31,000; (ii) it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iii) siccome t-talba da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed issir wara trapass ta' zmien li ma jistax jitqies ragjonevoli, hemm vjolazzjoni tal-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 10 sa' 29 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell ta' Maria Dolores sive Doris Debono mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bin-Numru

IV021703 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez, stante li ghar-ragunijiet moghtija minnu fid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni datata 10 ta' Ottubru 2002, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni hija gusta u b'hekk tisthoqq li tigi kkonfermata;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni markati Dok. "A" sa' Dok. "E" a fol. 31 sa' 36 tal-process;

Ra li b'Digriet moghti fil-21 ta' Jannar 2011 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem David Debono, Francis sive Frank Debono u Charles Debono stante l-mewt ta' Maria Dolores sive Doris Debono fl-20 ta' April 2009;

Ra l-aggravju ulterjuri sollevat fis-6 ta' Lulju 2010 dwar il-preskrizzjoni ulterjuri ta' hames snin ohra skond l-Artikolu 18 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta stante li mill-ahhar seduta quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali sa' meta tkompla dan il-kaz quddiem it-Tribunal regghu ghaddew aktar minn hames snin ohra;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Maria Dolores sive Doris Debono dwar l-aggravju tal-preskrizzjoni pprezentata quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fid-9 ta' Novembru 2004 a fol. 44 u 45 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar dan l-istess aggravju pprezentata quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali fl-14 ta' Dicembru 2004 a fol. 46 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti dwar l-aggravju ulterjuri sollevat fis-6 ta' Lulju 2010 ipprezentata fit-30 ta' Lulju 2010 a fol. 69 sa' 72 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar tali aggravju ulterjuri ipprezentata fit-30 ta' Awwissu 2010 a fol. 73 sa' 75 tal-process;

Ra l-affidavit ta' Frank Debono esebit mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' Marzu 2011 a fol. 82 sa' 84 tal-process, sema' x-xhieda ta' Paul Borg moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Gunju 2011[1] u ra d-dokument markat Dok. "TA1" a fol. 86 sa' 98 tal-process, ra d-dokument ossia pjanta markata Dok. "FV" esebita mir-Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fil-5 ta' Marzu 2013 a fol. 135 u 136 tal-process, sema' x-xhieda tal-Perit Anthony Fenech Vella moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2013[2], ra d-dokumenti markati Dok. "AB1" u Dok. "AB2" esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota pprezentata fit-23 ta' Mejju 2013 a fol. 141 sa' 143 tal-process u sema' x-xhieda tal-Perit Alex Buontempo moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2013[3];

Ra li b' Digriet moghti fil-15 ta' Marzu 2012 it-Tribunal ordna li fir-Rikors promotur u kull fejn mehtieg fl-atti, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi u dan skond l-Att XXII ta' l-2011 li dahal fis-sehh in forza ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-2012;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

---

[1] Fol. 99 tal-process.
[2] Fol. 137 sa' 139 tal-process.
[3] Fol. 145 sa' 148 tal-process.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni Maria Dolores sive Doris Debono, u illum l-eredi taghha David Debono, Francis sive Frank Debono u Charles Debono, tikkontesta Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV021703 li biha l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jesigi hlas tas-somma ta' Lm840, ekwivalenti ghal €1,956.67, bhala taxxa addizzjonali in konnessjoni mat-trasferiment ta' porzjoni diviza ta' art mit-territorju maghruf bhala Gebel Ghajn Xhul, Marsascala, in forza ta' kuntratt datat 24 ta' Jannar 1997. L-aggravji mressqa fir-Rikors promotur huma diversi izda dawn jistghu jigu sintetizzati fi tlett aggravji centrali: (i) dak li kien dovut thallas, u dana addirittura iktar milli suppost, in kwantu l-art in kwistjoni inbieghet ghall-prezz ta' Lm32,000 filwaqt illi l-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghamel stima ta' l-istess art fil-valur ta' Lm31,000; (ii) fi kwalunkwe kaz, il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta bit-trapass ta' hames snin previst fl-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iii) siccome t-talba da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed issir wara trapass ta' zmien li ma jistax jitqies ragjonevoli, hemm vjolazzjoni tal-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni. Fil-mori ta' l-appell ir-Rikorrenti ressqu aggravju ulterjuri fejn mill-gdid jeccepixxu l-preskrizzjoni tal-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni in kwantu mill-ahhar seduta quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali sakemm dan l-appell gie appuntat quddiem it-Tribunal ghaddew imktar minn hames snin ohra.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi ghall-appell tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bin-Numru IV021703 u jitlob li l-istess jigi michud, stante li ghar-ragunijiet moghtija minnu fid-decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni datata 10 ta' Ottubru 2002, il-Likwidazzjoni ta' Taxxa in kwistjoni hija gusta u b'hekk tisthoqq li tigi kkonfermata.

Mill-atti processwali u mill-provi prodotti jirrizulta li in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef datat 24 ta' Jannar 1997[4], Maria Dolores sive Doris Debono kienet bieghet u ttrasferiet a favur Paul Borg u martu Mary Borg il-porzjoni diviza ta' art fabbrikabbli mill-Bella Vista Developments fit-territorju "Gebel Ghajn Xhul" f'Marsascala tal-kejl ta' circa 282.37m.k., soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm210 fis-sena, liema cens kellu jigi mifdi mill-konjugi Borg jew l-aventi kawza taghhom fi zmien ghaxar snin mid-data tal-kuntratt bir-rata ta' 3%, bil-patt li kull sena tinfeda 1/10 ta' l-istess cens, liema trasferiment sar versu l-prezz ta' Lm25,000. Wara li dan it-trasferiment gie notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni[5], l-istess Kummissarju inkariga lill-Perit Alex Buontempo ghall-fini li jaghtih stima tal-valur reali tal-porzjoni diviza ta' art trasferita minn Maria Dolores sive Doris Debono fiz-zmien ta' l-akkwist. Il-Perit Buontempo ivvaluta l-porzjoni

[4] Dok. "TA1" a fol. 86 sa' 95 tal-process.
[5] Fol. 97 u 98 tal-process.

diviza ta' art in kwistjoni ghall-valur ta' Lm31,000 u fid-dawl ta' dan il-fatt il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghadda biex jimponi taxxa addizzjonali fuq Maria Dolores sive Doros Debono *qua* venditrici a tenur ta' l-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, liema taxxa addizzjonali giet minnu ridotta ghal Lm840 bis-sahha ta' l-Artikolu 24 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli fiz-zmien rilevanti.

Kif già iktar ' l fuq osservat, skond Maria Dolores sive Doris Debono u llum skond ir-Rikorrenti, il-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tat-taxxa addizzjonali hekk imposta hija preskritta bid-dekors ta' hames, u addirittura iktar minn hames snin, previst fl-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi Artikolu tal-Ligi kien, fiz-zmien rilaventi ghal dawn il-proceduri, jipprovdi li *salv kif mod iehor espressament provdut, l-azzjoni ghall-gbir ta' kull penali imposta bis-sahha ta' dan l-Att ma tistax tigi ezercitata wara l-eghluq ta' hames snin minn dakinhar li jkun sar in-nuqqas*. Fil-fehma tat-Tribunal il-parti operattiva ta' din id-disposizzjoni tal-Ligi ma hijiex tant it-terminu ta' hames snin hemm impost, izda iktar iz-zmien minn meta tali terminu jibda jghaddi u cioè ***minn dakinhar li jkun sar in-nuqqas***. Kif ir-Rikorrenti u Maria Dolores sive Doris Debono qabilhom, jippretendu li t-terminu ta' hames snin previst fil-precitat Artikolu 18 skatta u beda jiddekorri meta huma stess jichdu li fil-kaz taghhom jissussistu l-estremi ghall-imposizzjoni ta' taxxa addizzjonali, hija xi haga li thalli lit-Tribunal perpless.

Bl-oggezzjoni u konsegwenti appell mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bin-Numru IV021703, dik l-istess Likwidazzjoni ta' Taxxa ma tistax titqies finali u konklussiva pendenti l-ezitu ta' dan l-appell. Tista' titqies li hija finali u konklussiva fl-eventwalità li l-Appell tar-Rikorrenti jigi michud u l-Likwidazzjoni in kwistjoni tigi kkonfermata. Qabel ma l-Likwidazzjoni tat-Taxxa in kwistjoni tigi dikjarata finali u konklussiva ma jistax jinghad li kien hemm nuqqas da parte ta' Maria Dolores sive Doris Debono, ghal liema nuqqas illum jirrispondu r-Rikorrenti, u konsegwentement ma jistax jinghad li beda jiddekorri t-terminu ta' hames snin previst fl-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. In verità bil-proceduri istitwiti minn Maria Dolores Sive Doris Debono stess, il-Kummissarju tat-Taxxi jinsab fl-impossibilità li jghaddi ghall-gbir tat-taxxa addizzjonali minnu pretiza u kemm-il darba kellu jghaddi ghall-gbir effettiv ta' tali taxxa addizzjonali qabel id-determinazzjoni ta' dawn il-proceduri huwa certament jigi rinfaccjat bl-eccezzjoni ta' l-intempestività.

In kwantu rigwarda l-perijodu entro liema giet determinata l-oggezzjoni tar-Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV021703, jigi osservat li l-oggezzjoni giet trattata u kkunisdrata entro terminu ta' hames snin minn meta giet sottomessa minn Maria Dolores sive Doris Debono fis-6 ta' Novembru 1997. Di fatti, dik l-oggezzjoni giet michuda b'decizjoni moghtija fl-10 ta' Ottubru 2002, ossia qabel gheluq il-hames snin mid-data ta' l-oggezzjoni u bl-appell intavolat fis-16 ta' Ottubru 2002, gie li Maria Dolores Sive Doris Debono baqghet tinsisti fuq il-posizzjoni taghha li ma ghandhiex tkun soggetta ghal taxxa addizzjonali u b'hekk ma jiskattax it-terminu ta' hames snin previst fil-Ligi. In bazi ghall-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jistax f'dan l-istadju jghaddi ghall-gbir tat-taxxa

addizzjonali pretiza minghand Debono u b'hekk ma jiskattax it-terminu ta' hames snin previst fl-Artikolu 18 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, lanqas jista' jitqies li skatta u ddekorra tali terminu mid-data ta' l-ahhar seduta quddiem il-Bord ta' Kummissarji Specjali sakemm dan l-appell gie appuntat quddiem it-Tribunal.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, it-Tribunal iqis li l-aggravju tal-preskrizzjoni u l-aggravju ulterjuri tal-preskrizzjoni agguntiva a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Fir-Rikors promotur hemm aggravju ulterjuri li huwa marbut maz-zmien li ilha pendenti l-vertenza bejn Maria Dolores sive Doris Debono, u llum ir-Rikorrenti, u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u cioè l-aggravju li siccome t-talba da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed issir wara trapass ta' zmien li ma jistax jitqies ragjonevoli, hemm vjolazzjoni tal-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li *kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti w imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli*. Huwa evidenti ghalhekk li dan l-aggravju jittratta dwar l-allegat ksur tad-dritt fondamentali ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli, aggravju li però ma jistax jigi trattat, ikkunsidrat u determinat minn dan it-Tribunal in kwantu jezorbita l-kompetenza ta' l-istess Tribunal.

Il-Kostituzzjoni hija ben cara fir-rigward.

L-Artikolu 46(1) u (2) tal-Kostituzzjoni kjarament jipprovdi li: *(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, **titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju**[6]. (2) **Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu**[7], u tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna: ...*

[6] Enfasi tat-Tribunal.
[7] Enfasi ta' dan it-Tribunal.

Minn dan il-provvediment tal-Kostituzzjoni huwa evidenti li hija l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) li ghandha l-kompetenza tittratta, tikkonsidra u tiddetermina allegazzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fondamentali, inkluz id-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli. L-istess haga tapplika ghal allegazzjoni ta' ksur tal-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja. L-Artikolu 4(1) u (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li hija l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) li ghandha l-kompetenza tittratta, tikkonsidra u tiddetermina allegazzjonijiet ta' ksur ta' xi wiehed jew iktar mid-drittijiet fonadmentali tal-bniedem u libertajiet fondamentali.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-aggravju tar-Rikorrenti fejn jikkontendu li siccome t-talba da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed issir wara trapass ta' zmien li ma jistax jitqies ragjonevoli, hemm vjolazzjoni tal-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

In fine r-Rikorrenti u Maria Dolores sive Doris Debono qabilhom, jikkontendu li dak li kien dovut in linea ta' taxxi thallas, anzi siccome skonthom il-porzjoni diviza ta' art in kwistjoni giet stmata f'valur inqas minn dak li ghalih giet trasferita, gie li thallset iktar taxxa mid-dovut.

Wara konsiderazzjoni akkurata ta' dak provdut fl-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami, liema artikolu jigi ribadit jikkostitwixxi l-bazi fuq liema l-Kummissarju tat-Taxxi Interni impona taxxa addizzjonali fuq Maria Dolores sive Doris Debono, u wara ezami tal-provi prodotti, partikolarment tal-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi, it-Tribunal huwa tal-fehma li r-Rikorrenti u Maria Dolores sive Doris Debono qabilhom, gustament jikkontendu li ma hija dovuta l-ebda taxxa ulterjuri minnhom, wisq inqas taxxa addizzjonali.

L-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami, kien jipprovdi li: *meta fil-fehma tal-Kummissarju l-kuntratt ta' trasferiment jew l-att ta' dikjarazzjoni skond l-artikolu 33 ta' dan l-att* ***ma jirriflettix il-kondizzjonijiet veri tat-trasferiment***[8]*, il-persuna li tittrasferixxi inter vivos u l-persuna li tircievi t-trasferiment ikunu responsabbli jhasslu taxxa addizzjonali li tkun daqs ghaxar darbiet id-differenza bejn it-taxxa imhallsa fuq il-kuntratt u t-taxxa dovuta kif ikun gie deciz mill-Kummissarju: Izda huwa min jircievi t-trasferiment biss li jkollu jhallas kull taxxa jew taxxa addizzjonali stmata jekk dan ikun biss ghaliex xi dikjarazzjoni imsemmija fis-subartikolu (2)* [fil-kaz ta' trasferiment *inter vivos* id-dikjarazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 32(4)(d) li hija d-dikjarazzjoni maghmula fejn kompratur li qed jakkista l-proprjetà bhala residenza unika w ordinarja tieghu] *ma tkunx shiha, korretta u vera.*

[8] Enfasi tat-Tribunal.

Minn dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta ferm evidenti li fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kellu s-setgha li jimponi taxxa addizzjonali **biss** f'dawk il-kazijiet fejn fil-fehma tieghu l-kondizzjonijiet ta' l-att ta' trasferiment ma kienux jirriflettu l-kondizzjonijiet reali tat-trasferiment. Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u b'mod partikolari mid-Decizjoni ta' Rifjut ta' Oggezzjoni datata 10 ta' Ottubru 2002, jirrizulta li fil-kaz in ezami l-Kummissarju tat-Taxxi impona taxxa addizzjonali fuq Maria Dolores sive Doris Debono *qua* venditrici ghaliex il-valur tal-porzjoni diviza ta' art minn trasferita stmat minnu kien jeccedi l-prezz dikjarat b'iktar minn 15% jew alternattivament ghaliex il-prezz dikjarat tat-trasferiment kien inqas minn 85% tal-valur stmat minnu. Minn imkien mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jirrizulta li Maria Dolores sive Doris Debono bieghet u ttrasferiet il-porzjoni diviza ta' art in kwistjoni a favur Paul u Mary konjugi Borg bi prezz ghola minn dak minnhom dikjarat fl-att ta' trasferiment. Imkien mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma tirrizulta prova li tikkontradici dak affermat minn Paul Borg fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-2 ta' Gunju 2011[9] u cioè li ghall-art in kwistjoni huwa hallas is-somma ta' Lm25,000 flimkien ma' madwar Lm7,000 cens imhallsa matul is-snin kif provdut fil-kuntratt. U minn imkien mill-provi tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jirrizulta li l-kondizzjonijiet stipulati fl-att ta' trasferiment fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef datat 24 ta' Jannar 1997 ma kienux jirriflettu l-kondizzjonijiet veri tat-trasferiment.

Att ta' trasferiment huwa att pubbliku u jikkostitiwixxi prova ta' dak li hemm stipulat fih. Jekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni deherlu li l-kondizzjonijiet kif stipulati fl-att ta' trasferiment ma kienux jirriflettu l-kondizzjonijiet veri u reali tat-trasferiment, huwa kellu jressaq prova cara, sodisfacenti u konklussiva ta' dan. Il-fatt li l-valur reali tal-porzjoni diviza ta' art in kwistjoni kif stmat mill-Kummissarju tat-Taxxi jeccedi l-valur dikjarat fl-att ta' trasferiment ma jfissirx b'mod awtomatiku, kif donnu jippretendi l-istess Kummissarju, li l-prezz effettivament pattwit bejn il-partijiet kontraenti u percepit minn Maria Dolores sive Doris Debono kien iktar minn dak dikjarat fl-att ta' trasferiment innifsu. Tali assunzjoni u konsegwenti pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija assolutament inaccettabbli, partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-effett dirett taghha huwa l-imposizzjoni ta' taxxa punittiva li dak iz-zmien kienet daqs ghaxar darbiet id-differenza bejn it-taxxa mhallsa u t-taxxa determinata mill-Kummissarju.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li fil-kaz in ezami ma jissussistux l-estremi ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghal dan il-kaz, u ghaldaqstant il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma setghax jimponi taxxa addizzjonali fuq Maria Dolores sive Doris Debono *qua* venditrici. Konsegwentement l-aggravju fil-mertu tar-Rikorrenti huwa gustifikat u b'hekk l-appell taghhom mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bin-Numru IV021703 jisthoqq li jigi milqugh.

---

[9] Fol. 99 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-aggravju originali u l-aggravju ulterjuri tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' l-aggravju dwar allegat ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli, jilqa' l-aggravju, u b'hekk l-appell mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV021703, fil-mertu stante li ma jissussistux l-estremi ghall-imposizzjoni ta' taxxa addizzjonali a bazi ta' l-Artikolu 52(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami, u konsegwentement ihassar u jirrevoka l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV021703.

L-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**